MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tat-3 ta' Gunju, 2010

Numru. 1324/2006

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR PIERRE MICALLEF GRIMAUD**
**KONTRA**

**JOSEPH FRANCIS ZAMMIT**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Joseph Francis Zammit ta’ 40 sena, bin Gregory u Carmela nee’ Zammit, mwieled Pieta’ nhar it- 3 ta’ Ottubru 1969, residenti Block D, Flat 8, Triq Bertha K. Ilg, San Giljan u detentur tal- Karta tal- Identita’ bin- numru 102171(M);

Li gie mressaq quddiemha sabiex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet;

Talli fis- 17 ta’ Dicembru 2006 ghal habta tal- 11.20pm fil-Belt Valletta, ikkaguna offiza ta’ natura gravissima fuq il-persuna ta’ Roderick Zamit.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xiehda prodotti;

**Ikkunsidrat:**

Illi din il-kawza tittratta glieda bejn zewg persuni li tirrisali ghal Dicembru 2006. Din il-Qorti, minkejja diversi tentattivi u sforzi biex tisma’ x-xhieda kollha u tara l-provi kollha fl-iqsar zmien possibbli, kellha tistenna bosta seduti sabiex jitressqu l-provi, peress illi l-partijiet it-tnejn kienu qed jiddilungaw minghajr raguni. Mill-provi prodotti rrisulta li, fis-17 ta’ Dicembru 2006, l-imputat u Roderick Zammit gew fl-idejn fuq argument li kellhom bejniethom, bil-konsegwenza li l-parte civile sofra griehi gravi u permanenti f’ wiccu, partikolarment fil-widna tax-xellug u fix-xoffa t’isfel. B’xorti tajba, dawn il-griehi m’humiex daqstant vizibbli mal-ewwel daqqa t’ghajn, u ma jisfigurawx il-wicc, izda jistghu jitlemhu mill-vicin, minn “talking distance”, pero’ ma jhallux impatt negattiv. Dan hu mertu tat-tobba li kkuraw lil Roderick Zammit u kkuraw il-griehi b’mod li llum bil-kemm huma vizibbli. Madankollu l-offizi jikklassifikaw ruhhom taht l-Artikolu 216(1)(b) tal-kap 9, u ghalhekk il-piena li ghandha tinghata trid taqa’ taht il-parametri ta’ dak l-artikolu.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikoli 214, 215, 216, 217, 218 (1) (a) (b) (2), 18, 251 (1) (A), 251 (1) (B), 251 (1) (C), 338 (m), 338 (dd), 339 (1) (b) (d) (e) (i) (l), 382 (A), 383, 384, 385, 386, 412 C, 17, 30, 31, 532 A, 532 B u 533 tal- Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Din il- Qorti qed issib lill- imputati hati u ghaldaqstant tikkundannah sitt (6) xhur prigunerija sospizi ghal sentejn ai terminu tal- Artikolu 28A tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta’ Malta.

Il- Qorti spjegat il- portata tas- sentenza lill- imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------